# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 8/2018 BS**

**Mark Formosa**

**-vs-**

**Is-Segretarju Permanenti fi Ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'isem u għan-nom tal-istess Ministeru u;**
**Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Guramentat tal-attur Mark Formosa[1] illi ppremetta:**

1. Illi permezz ta' ittra datata 27 ta' Lulju 2017 mibgħuta mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru intimat, s-Sur John Borg, ir-rikorrenti gie infurmat li huwa gie sospiż mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-

[1] A fol 1 sa 4.

funzjonijiet tal-kariga tiegħu b'effett immedjat ai termini tar-Regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina u dana peress li skond l-istess Segretarju Permanenti huwa kien jinsab infurmat li r-rikorrenti kien qiegħed jigi investigat mill-Pulizija. Ir-rikorrenti ġie ukoll infurmat li matul il-perjodu tas-sospensjoni tiegħu huwa għandu jirċievi nofs is-salarju tiegħu;

2. Illi din is-sospensjoni giet ikkonfermata mil-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u sussegwentament fuq rakkomandazzjoni tat-3 ta' Awissu 2017 tal-istess Kummissjoni giet iffirmata mill-uffiċju tal-Prim Ministru fl-14 u/jew fil-21 ta' Awissu 2017;

3. Illi r-rikorrenti jqies il-prestensjonijiet vantati fl-ittra tas-Segretarju Permanenti sureferità bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. L-azzjoni sussegwenti meħudha fil-konfront tiegħu mil-konvenuti jew min minnhom hija illegali u qed toħloq preġudizzju irrimedjabbli kontrih fejn qed titfa' piż sproporzjonat fuqu. Ir-rikorrenti għandu familja xi jmantni kif ukoll impenji finanzjari oħra li jrid jsostni. Di più d-deċiżjoni meħudha fil-konfront tar-rikorrenti qed tkisser ir-reputazzjoni tiegħu;

4. Illi d-deċiżjoni tal-konvenuti jew min minnhom tmur kontra l-prinċipju bazilari tal-preżunzjoni ta' innocenza. Ir-rikorrenti jirribbatti bis-sħiħ kwalunkwe allegazzjonijiet li setgħu saru fil-konfront tiegħu u jqishom bħala fiergħa;

5. Illi d-deċiżjonijiet tal-konvenuti jew min minnhom sureferiti hija ultra vires għaliex l-istess konvenuti jew min minnhom ma kinux awtorizzati iwettqu dik id-deċiżjoni, naqqsu li josservaw l-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtigijiet procedurali mandatorji sew fit-twettiq tad-deċiżjoni tagħhom kif ukoll fid-deliberazzjoni ta' qabel dwar dak l-għemil, jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorità taghhom billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq

konsiderazzjonijiet irrelevanti, u dik id-deċiżjoni hija fi kwalunkwe każ kontra l-ligi.

6. Illi l-konvenuti jew min minnhom naqqsu ukoll mid-dmirijiet tagħhom li jemenaw mid-Direttiva 4,1 - *Standards for Service of Excellence offered by the Public Administration to the Public and to Employees* liema nuqqasijiet qegħdin ukoll joħolqu pregudizzju irrimedjabbli fil-konfront tar-rikorrenti.

7. Illi peress li jista' jirriżulta illi n-nuqqasijiet sureferiti ikkulminaw fid-deċiżjoni aħħarija tal-Prim Ministru iżda li l-esponenti sar jaf b'dan il-fatt biss wara xhieda li ingħatat riċentament fi proceduri ta' natura kostituzzjonali u għalhekk biex ikun integru jista' ukoll jeħtieg li jiġi inkluż il-Prim Ministru fuq il-bank tal-konvenuti. Minħabba kwistjoni ta' terminu perentorju stabbilit mil-ligi u minħabba d-dispost tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 li jista' jagħti li japplikaw għall-proċeduri odjerni, l-esponenti jirriżerva li jitlob il-kjamat fil-kawża tal-Prim Ministru f'dawn il-proċeduri wara li jiskadi t-terminu prevvist fl-artikolu 460 tal-Kap. 12.

8. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha issir din il-kawża.

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

1. Tiddikjara li s-sopensjoni tar-rikorrenti mil-konvenuti saret bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili fuq imsemmi għar-ragunijiet fuq imsemmija u ragunijiet oħra li jigu elaborati u spjegati waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

2. Konsegwentament tannulla u tħassar is-sospensjoni fuq imsemmija;

3. Konsegwentament l-attur jiġi rintegrati fl-istat li kien fih qabel ma ittieħdet din id-deċiżjoni u cioe fi grad, kundizzjonijiet, paga u xogħol li kien jeżerċita qabel.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'isem u għan-nom tal-istess Ministeru u tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[2] illi eċċepew:**

Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

**<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

1. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors guramentat *stante* li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ***ad validitatem*** a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti.

   Illi din l-eccezzjoni qieghda tigi eccepita in vista tal-fatt illi fir-rikors guramentat in risposta r-rikorrent qieghed jitlob *inter alia* illi *"jigi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttiehdet id-decizjoni u cioe fi grad, kundizzjonijiet, paga u xoghol li kien jezercita qabel."* L-esponent jirrileva illi din it-talba ma ssemmitx fil-protest gudizzjarju numru 28/2017 fl-ismijiet *"Mark Formosa u Michelle Xerri vs l-Avukat Generali, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, is-segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal-Ghawdex u l-Ministeru ghal Ghawdex"* u cjoe fil-konfront tal-esponenti illum intimati imma biss ricentament fil-protest Gudizzarju numru 7/2018 fl-ismijiet *"Mark Formosa vs. L-Onorevoli Prim'Ministru"*. Dan jfisser illi r-rekwizit imsemmi fl-artikolu 460 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cjoe illi *"l-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar"* ma gietx sodisfatta. Konsegwentement d-debita

[2] A fol 12 sa 18.

interpellazzjoni fil-konfront tal-esponenti illum intimati kif imsemmija hawn fuq QATT ma saret.

2. Illi in linea preliminari l-improponibbilita' tar-rizerva illi r-rikorrenti aghmel fil-premessa numru sebgha (7) fir-rikors guramentat in risposta u cjoe il-possibilita' li jigi kjamat in kawza l-Onorevoli Prim'Ministru bhala intimat fil-proceduri odjerni *stante* illi d-debita' interpellazzjoni ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghanda ssir QABEL ma jigu intavolati proceduri gudizzjarji u mhux fl-istess gurnata li gie intavolat il-protest gudizzjarju numru 7/2018 fl-ismijiet *"Mark Formosa vs. L-Onorevoli Prim'Ministru".*

   Illi jinghad illi m'hijiex accetabbli illi r-rikorrent jghid illi huwa sar jaf biss bid-decizjoni ahharija tal-Onorevoli Prim'Ministru tramite xhieda li instemghu f'proceduri ta' natura kostituzzjonali *stante* illi kemm l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ir-regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-2017 (*Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 S.L. Const.03*) jsemmu specifikament l-funzjoni ahharija tal-Onorevoli Prim'Ministru fir-rigward ta' azzjonijiet dixxiplinari. Ghaldaqstant *ignoratia legis neminem excusat* ghaliex il-ligi hija cara u m'hijiex skuza illi r-rikorrenti ma kienx a konoxxenza tal-istess ligi;

3. Illi in linea preliminari ukoll l-esponenti jirrilevaw illi l-mertu huwa PALEZAMENT EZAWRIT *stante* illi s-sospensjoni msemmija fir-rikors guramentat in risposta, u cjoe dik effetwata permezz tal-ittra datata 27 ta' Lulju 2017 ai termini tar-regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-2017 (*Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 S.L. Const.03*) mibghuta mill-esponent Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghal Ghawdex lir-rikorrent kif ukoll ikkonfermata mill-Onorevoli Prim'Ministru fil-21 ta' Awissu 2017 fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2017 **giet mnehhija fis-17 ta' Jannar 2018 mill-Onorevoli Prim'Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-esponent**

**Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-11 ta' Jannar 2018 u kkomunikata lir-rikorrent mill-esponent Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex fit-18 ta' Jannar 2018;**

Illi prezentament u cjoe b'effett mid-19 ta' Jannar 2018 ir-rikorrenti qieghed iwettaq id-dmirijiet tieghu fil-Kullegg ta' Ghawdex li jaqa' taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, fejn qieghed jircievi l-istess Salarju, allowances u beneficcji ohra illi huwa intitolat ghalihom skont il-kuntratt tieghu fil-pozizzjoni ta' direttur;

4. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-trasferiment tar-rikorrenti mill-kariga tieghu fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex ghal pozizzjoni tieghu odjerna fi hdan il-Kullegg ta' Ghawdex ma taqax taht id-definizzjoni ta' *eghmil amministrattiv* ai termini tal-Artikolu 469A (2) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta *stante* illi eghmil amministrattiv *"ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità"*;

5. L-esponenti jeċepixxu illi din l-azzjoni hija improponibbli *stante* illi dak mitlub imur kontra d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' t-talba kif proposta mir-rikorrent u cioe' ma tistax tezamina ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku tat-3 ta' Awissu 2017 u dan peress illi l-Qrati kollha inkluż din l-Onorabbli Qorti huma preklużi mill-Kostituzzjoni ta' Malta milli jiddeċiedu dwar dan. Din l-eċċezzjoni qed tingħata fid-dawl ta' dak li jistipulaw l-Artikolu 110 kif ukoll l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

2. Illi l-esponenti jeċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-sospensjoni msemmija fir-rikors guramentat in risposta hija regolata mill-*Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 (S.L. Const 03)*. Illi tali sospensjoni kienet wahda legittima u li saret skond ir-regolament 13(4) tal-istess Regolamenti u dan bhala mizura kawtelatorja in vista tal-fatt li hemm inkjesta magisterjali pendenti fil-konfront tar-rikorrent. Ghaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrent illi s-sospensjoni saret b'mod illegali hija fiergha u nfondata;

4. Illi s-sospensjoni surreferita giet imnehhija formalment fis-17 ta' Jannar 2018 minn Onorevoli Prim'Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-esponent Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku tal-11 ta' Jannar 2018 u kkomunikata lir-rikorrent mill-Kap tad-Dipartiment l-esponent Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex fit-18 ta' Jannar 2018;

5. Illi l-esponent Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex bhala Kap tad-Dipartiment kkoncernat ghandu l-obbligu li jottempra ruhu mar-Regolamenti tad-dixxiplina u dan sabiex jiggarantixxi *Standard* gholi u fiducja fis-servizz pubbliku u jassigura li ma jigux pregudikati jew intralcjati l-investigazjzonijiet ordnati mill-Qorti;

6. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent illi d-decizjonijiet tal-esponenti huma *ultra vires* ma treggix ghas-semplici fatt illi r-Regolament 13 (4) tal-*Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 (S.L. Const 03)* specifikament tiddelineja il-parametri tad-drittijiet u obbligi tal-esponenti:

*"(4) Meta l-Kap ta' Dipartiment ikun irrakkomanda lill-Kummissjoni li l-uffiċjal għandu jiġi sospiż għal raġunijiet ta' prekawzjoni, huwa*

*jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu sakemm tasal id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni."*

Illi d-decizjoni ahharija tispetta lill-Onorevoli Prim'Ministru mehuda fuq rakomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

*"110.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku"*

Illi ghaldaqstant id-decizjoni u rakommandazzjoni affermati mill-esponenti gew mehuda kollha entro il-parametri tal-ligi;

7. Illi kif gja inghad, is-sospensjoni imsemmija llum m'ghadiex in vigore u r-rikorrent qieghed iwettaq id-dmirijiet tieghu fil-Kullegg ta' Ghawdex, fejn qieghed jircievi l-istess Salarju, allowances u beneficcji ohra illi huwa intitolat ghalihom skont il-kuntratt tieghu fil-pozizzjoni ta' direttur. Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti kif imfissra fir-rikors guramentat in risposta qatt ma jistghu jigu akkolti *stante* illi s-sospensjoni m'ghadiex in vigore u konsegwentament m'hemm xejn li jista' jigi annulat u imhassar. L-istess jinghad ghat-talba ta' reintegrazzjoni tar-rikorrent *stante* illi r-rikorrent gja gie reintegrat fil-kundizzjonijiet kollha fil-posizzjoni tieghu ta' direttur;

lli r-rikorrent gja qajjem l-istess ilmenti li qieghed iqajjem fir-rikors guramentat in risposta fi proceduri gudizzjarji quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Mark Formosa Vs l-Avukat Generali" rikors kostituzzjonali 85/2017 JPG. DAWN L-ILMENTI GJA GEW INDIRIZZATI MILL-QORTI. Ghaldaqstant jinghad illi ma jistghax ir-

rikorrent f'dan lis-stadju jerga jqajjem l-istess ilmenti quddiem dina l-Onorabbli il-Qorti.

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-5 ta' Marzu, 2021.[3]

**Rat** li fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2018 il-Qorti kkonċediet lill-partijiet l-opportunita' li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet rigward l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti.[4]

**Rat** li fit-18 ta' Jannar, 2019 il-Qorti diversament ippreseduta bagħtet referenza kostituzzjonali u dan in vista ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuti ibbażata fuq ksur ta' l-Artikolu 460 tal-Kap 12 Liġijiet ta' Malta.[5]

**Rat** id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija nhar il-15 ta' Novembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet u ddeċidiet illi l-Artikolu 460 tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta, *jaghti zvantagg lill-attur fil-kawza li ghandu kontra l-Gvern u aktarx jikser l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem* u, għaldaqstant; ordnat ir-rimissjoni tal-atti lil din il-Qorti sabiex tkun din il-Qorti li taqta' u tiddeċiedi l-każ skond dak misjub wara r-referenza Kostituzzjonali wara li tiżen iċ-ċirkostanzi fl-isfond ta' din l-istanza.[6]

**Rat** li fis-27 ta' Novembru, 2017 il-konvenuti Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku nterponew appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali.[7]

---

[3] A fol 145 sa 146.
[4] A fol 29.
[5] A fol 34.
[6] A fol 58 sa 99a.
[7] A fol 101 sa 107. Segwa l-Appell Kostituzzjonali nru. 8/2019.

**Rat** id-deċiżjoni ta' l-Appell Kostituzzjonali ta' l-20 ta' Lulju, 2020 li biha ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija nhar il-15 ta' Novembru, 2019, u allura li l-Artikolu 460 tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta, jista jwassal għal leżjoni tad-dritt ta' l-appellat (attur f'dawn il-proċeduri) għall-ugwaljanza ta' l-armi[8] minkejja li dan sar għal raġunijiet diversi minn dawk mogħtija mil-Qorti Kostituzzjonali[9].[10]

**Rat** il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Frar, 2022 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-provi li nġabru fl-istess seduta fil-kawża 16/2018 fl-ismijiet *Mark Formosa vs Onorevoli Prim Ministru* għandhom jiddaħħlu fil-kawża odjerna. **Rat** li fl-istess verbal l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq.[11]

**Rat** li fl-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2022 il-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi magħluq u l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza bil-fakulta' lill-partijiet li jagħmlu noti ta' osservazzjonijiet.[12]

**Fliet l-atti**.

**A. Ikkunsidrat.**

**Preliminari:**

Permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob lil dina l-Qorti sabiex tistħarreġ id-deċiżjoni amministrattiva li wasslet sabiex huwa ġie sospiż mill-impjieg. Jgħid li huwa rċieva ittra datata is-27 ta' Lulju, 2017 u ġie nfurmat illi ġie sospiż ai termini tar-Regolament 13(4) tar-Regolamenti ta' Dixxiplina minħabba li kien qed jiġi nvestigat mill-pulizija. Ġie nfurmat ukoll li matul is-sospensjoni tiegħu huwa kellu jirċievi nofs is-salarju.

[8] Para. 30, pagna 18 tas-sentenza, fol 140a.
[9] Para. 36, pagna 20 tas-sentenza, fol 141a.
[10] A fol 132 sa 141a.
[11] A fol 174 sa 175.
[12] A fol 180 sa 181.

L-attur jgħid li id-deċiżjoni ta' sospensjoni kienet ikkonfermata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru iffirmaha wara li qagħad fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-istess Kummissjoni.

Skond l-attur id-deċiżjoni minbarra li ħolqitlu problemi finanzjarji u kissritlu r-reputazzjoni tiegħu tmur kontra l-prezunzjoni ta' l-innoċenza. Jinsisti li l-amministrazzjoni naqset milli tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

Għal dawn ir-ragunijiet l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li d-deċiżjoni meħuda mill-konvenuti jew min minnhom saret bi ksur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement tħassar u tannulla dik id-deċiżjoni u tordna li l-attur jiġi rintegrat fil-grad li kellu bil-paga u l-istess kundizzjonijiet li kellu qabel ma ġie sospiż.

Il-konvenuti minn naħħa tagħhom laqgħu għat-talbiet ta' l-attur billi qajjmu diversi eċċezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu.

In linea preliminari jgħidu li r-rikors ta' l-attur huwa null għax jikser l-artikolu 460 (1) tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta. Jgħidu wkoll li r-riserva li jiġi kkjamat fil-kawża l-Prim Ministru hija improponibbli billi l-attur kellu jikkawtela l-pretensjoni tiegħu kontrih qabel ma' ġew intavolati l-proċeduri odjerni.

Il-konvenuti jgħidu wkoll li l-mertu huwa eżawrit billi s-sospensjoni li fuqha qed jibbaża l-kawża tiegħu l-attur ġiet effettivament mneħħija fis-17 ta' Jannar, 2018. Jgħidu wkoll li riżultat ta' din it-tneħħija l-attur illum qiegħed jagħmel l-istess xogħol li kien jaghmel qabel u qieghed igawdi wkoll l-istess salarju u l-istess kundizzjonijiet ta' xogħol u dan skont il-kuntratt li kellu ta' direttur.

Jisħqu li l-fatt li llum l-attur qiegħed jaħdem ta' direttur fi ħdan il-Kulleġġ ta' Għawdex u ma għadux jwettaq dmirijietu fejn kien qabel ma ġie sospiż, dan ma jistax jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti billi ma jaqax fid-definizzjoni ta' egħmil amministrattiv kif provdut taħt l-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta.

Jgħidu wkoll illi in kwanti l-azzjoni hija diretta wkoll lejn il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, it-talbiet għandhom jiġu miċħuda u dan minħabba dak provdut fl-Artikoli 110 sa 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Mark Formosa**, l-attur, xehed[13] illi meta kien jaħdem bħala direttur fil-Ministeru għal Għawdex parti minn xogħolu kien li jieħu ħsieb it-*tenders* billi kien *Director Projects and Development* f'Għawdex. Jgħid li kien responsabbli mit-toroq, l-agrikoltura u l-biċċerija. Jispjega x'kien jinvolvi l-proċess tat-*tenders*. Jispjega li l-involviment tiegħu fil-proċess tat-*tenders* kien il-kordinazzjoni tal-fażijiet differenti. Jgħid li kien ilu jokkupa l-posizzjoni ta' direttur fil-Ministeru għal Għawdex sa mill-2015 u ġie sospiż fl-2017.

Jgħid li fl-2017 irċieva telefonata u sussegwentement saret tfittxija ġo l-uffiċċju tiegħu u d-dar mill-pulizija. Iżid li dakinhar tat-tfiċċija ġew elevati *laptops* u anke t-*tablets*. Jgħid li wara dan irċieva ittra tinfurmah li kien ġie sospiż.

Jispjega li wara dan huwa fetaħ kawża kostituzzjonali u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ġiet riveduta. Itenni li huwa reġa'

[13] A fol 149 sa 161.

daħal jaħdem bħala direttur (fl-istess grad li kien qabel) iżda mhux fl-istess post stante li beda jaħdem id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ta' Għawdex.

Ikompli li meta skada l-kuntratt li kellu, li kien mill-2015 sa' l-2018, dan ma' reġax ġie mġedded.

Jiċċara li l-aħħar parti tal-kuntratt, meta daħal lura għax-xoghol wara s-sospensjoni, għamilha bħala direttur, bl-istess grad li kien fih qabel, iżda fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ta' Għawdex minflok fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Jgħid ukoll li l-kuntratt skada fl-2018 u li kieku baqa jaħdem ta' direttur fil-Ministeru xorta kien jiskadi fl-2018.

Jgħid li wara li skada l-kuntratt ta' direttur li kellu huwa, ħarġet sejħa għal-post ta' direttur fejn kien impjegat originarjament, fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, huwa applika, mar għal *interview*, pero' ma' ġiex imsejjaħ jieħu l-kariga iżda minflok bagħtu jinfurmawh li r-riżultat huwa sospiż. Jgħid li dan ifisser li riżultat qatt ma' kien hemm.

Jispjega li l-kariga ta' direttur li kellu fi ħdan il-Ministeru qabel ġie sospiż u li għalija reġgħa applika meta skadielu l-kuntratt ma' reġgħetx imtliet. Jgħid li dan ġara peress li dak id-direttorat fejn kien direttur hu nqasam fi tlieta – Rurali, Manutenzjoni u Restawr.[14] Jispjega illi llum il-kariga ta' Direttur *Projects and Development* li kellu huwa ma' teżistix. Itenni li llum billi ma' sarx direttur huwa jokkupa l-grad ta' *Senior Principal*.

Jgħid li għadu sal-lum ma jafx ir-raġuni għalfejn ma' ntgħażilx meta l-*performance* tiegħu kienet dejjem tajba.

[14] Fix-xhieda tieghu ta' nhar l-4 ta' Frar, 2022 fil-kawza nru. 16/2018 jiccara li fil-fatt id-direttorat inqasam fi tnejn: *Maintenance and Restoration Directorate* u *Rural Gozo Directorate*.

**Xehed ulterjorment**,[15] li fl-24 ta' Marzu, 2017 huwa kien irċieva email mingħand ċertu Christian Abela fejn kien allegat li huwa korrott. Jgħid li huwa informa b'dan lis-Segretarju Permanenti u għamel ukoll kwerela kontra Christian Abela. Jgħid li wara dan Abela skuża ruħu u huwa rtira l-kwerela. Jgħid li s-Segretarju Permanenti kien infurmah illi kien ser jgħaddi l-email lil *Internal Audit and Investigation Department* sabiex isir l-istħarriġ neċessarju. Jgħid li s-sospensjoni tiegħu seħħet wara dan l-avveniment.

Jgħid li l-inċident tal-email mibgħuta minn Abela ġara qabel il-bdil fl-amministrazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex (qabel inbidel il-Ministru) mentri s-sospensjoni tiegħu seħħet wara li nbidel il-Ministru. Jgħid li l-elezzjoni kienet f'Ġunju, 2017 mentri s-sospensjoni seħħet f'Lulju, 2017.

Jippreżenta dokumentazzjoni relattiva għal dan kif ukoll għal meta kien applika sabiex jerġa jiġi ri-appuntat direttur fil-Ministeru għal Għawdex wara s-sejħa għal dan il-post li nħarġet wara li skada l-kuntratt li huwa kellu qabel. Jippreżenta wkoll dokumenti li juri kif id-direttorat li kien jieħu ħsieb huwa kien eventwalment inqasam fi tnejn.

**Philip Dominic Sammut**, *Senior Principal Officer* fis-sezzjoni tas-salarji tal-Ministeru għal Għawdex xehed[16] illi huwa għamel kalkoli dwar *allowances* li kien jipperċepixxi l-attur li kieku dan ma' ġiex sospiż.

Jgħid li bħala direttur, kieku ma' ġiex sospiż, fil-perijodu li għamel sospiż l-attur kien jirċievi *communication allowance* ta' €758.36, *expense allowance* ta' €772.84, u *allowance* tal-masters ta' €379.18. Jgħid li l-ewwel żewġ *allowances* japplikaw għad-diretturi kollha li jaħdmu mal-Gvern, inkluż allura fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, filwaqt li l-*masters allowance* tapplika biss għal dawk id-diretturi li jkollhom il-kwalifika ta' *masters degree*.

[15] Fis-seduta ta' l-4 ta Frar, 2022 fl-atti tal-kawza 16/2018 fl-ismjiet ***Mark Formosa vs Onor Prim Ministru***, liema xhieda iddahlet fil-kawza odjerna bis-sahha ta' ordni tal-Qorti fil-verbal ta' din l-istanza tas-seduta ta' l-4 ta Frar, 2022.
[16] A fol 162 sa 169.

Rigward *allowance* marbuta ma vettura jispjega li dan huwa *fringe benefit* u, fil-każ ta' l-attur, kellu għażla bejn *all-inclusive transport allowance* jew jieħu karozza provduta mil-Gvern, bil-*fuel* b'kollox. Iżid li l-attur għażel karozza. Jgħid li bħala *all-inclusive transport allowance* kieku kien jieħu ħlas fi flus iżda kif għamel l-attur ma' kienx jieħu ħlas fi flus.

Jippreżenta kalkolazzjonijiet tiegħu ta' l-*allowances* applikabbli mit-28 ta' Lulju, 2017 (l-għada tas-sospensjoni ta' l-attur) sas-16 ta' Jannar, 2018 (presumibilment id-data meta skada l-kuntratt li kellu l-attur).[17]

**John Borg**, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex xehed[18] illi wara li rċieva mingħand l-attur kopja ta' l-email li l-attur kien irċieva mingħand ċertu Christian Abela fl-24 ta' Marzu, 2017, huwa kien bagħat il-każ lil *Internal Audit and Investigation Department* sabiex jinvestigaw. Jgħid li ma jiftakarx x'kien l-eżitu ta' dan billi għadda ż-żmien.

Ippressat mill-Qorti jgħid li l-*Internal Audit and Investigation Department* ma reġgħux kellmuh u jinsisti li hu ma ħax passi kontra l-attur fuq il-kontenut ta' l-email. Jgħid li jaf li l-attur kien għamel kwerela kontra Christian Abela pero' hu ma' kienx involut f'dan.

Rigward id-direttorat li kien imexxi l-attur meta kien *Director Projects and Development*, jgħid li huwa kien ta' l-opinjoni li bħala direttorat dan kien kbir wisq u allura ssuġġerixxa li jinqasam u fil-fatt kien inqasam fi tnejn (2); proġetti u rurali (rurali tinkludi agrikoltura, akwakultura u biċċerija). Jgħid li d-deċiżjoni li d-direttorat jinqasam fi tnejn (2) kienet tiegħu. Jgħid li huwa kien talab li ssir din il-qasma mil-bidu malli mar jaħdem bħala

[17] Dokument PDS1 a fol 172.
[18] Fis-seduta ta' l-4 ta Frar, 2022 fl-atti tal-kawza 16/2018 fl-ismjiet ***Mark Formosa vs Onor Prim Ministru***, liema xhieda iddahlet fil-kawza odjerna bis-sahha ta' ordni tal-Qorti fil-verbal ta' din l-istanza tas-seduta ta' l-4 ta Frar, 2022.

Segretarju Permanenti fl-2014/2015 iżda t-talba tiegħu ntlaqgħet aktar tard.

Rigward is-sejħa għal ħatra ta' direttur jgħid li l-attur inħatar direttur fl-2015 u l-kuntratt skada fl-2018. Iżid li fl-2018 ħarġet sejħa għal direttur fit-taqsima tal-proġetti iżda ħadd ma' ntgħażel. Jispjega li kultant jiġri li jkun hemm sejħa u ma jintgħażel ħadd. Jgħid li aktar tard ħarġet sejħa għad-direttorat rurali u wara li ġie deċiż li m'għandux ikun hemm direttorat tal-proġetti ħarġet is-sejħa għal direttur tal-manutenzjoni. Jgħid ukoll li dan iċ-ċaqliq u tibdil ta' dan it-tip isir minn żmien għal żmien.

Rigward is-sejħa għal direttur tal-proġetti ta' l-2018 jgħid li din harġet xi darbtejn u ma mtlietx. Jgħid li ma' jafx għalfejn ma' mtlietx għax huwa ma jkunx involut fl-iproċessar ta' l-applikazzjonijiet u lanqas fl-intervisti u fil-bordijiet.

Jgħid li meta ġie sospiż l-attur l-uffiċċju tiegħu ġie msakkar minħabba l-investigazzjoni li kienet għaddejja. Jgħid li llum l-uffiċċju huwa okkupat mid-Direttur tal-Manutenzjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Din il-kawża tirrigwarda deċiżjoni meħudha mill-konvenuti jew min minnhom u notifikata lill-attur b'ittra tas-27 ta' Lulju, 2017 li biha l-attur ġie sospiż mil-kariga tiegħu ta' direttur fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex abbażi tar-Regolament 13(4) tar-regolamenti tad-Dixxiplina.

L-attur jikkontendi li din id-decizjoni *ergo* s-sospensjoni tiegħu mil-kariga tiegħu saret bi ksur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jitlob allura li tiġi annullata u konsegwentement, li jingħata lura l-kariga li kien jokkupa qabel ittieħdet l-istess deċiżjoni għas-sospensjoni tiegħu.

Minn qari tal-premessi tar-rikors ġuramentat ta' l-attur, jirriżulta li s-subinċiżi tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 li fuqhom qiegħed isejjes din il-kawża l-attur huma s-subinċiżi (1)(b) (ii), (iii) u (iv).

Il-konvenuti jilqgħu għal dan b'diversi eċċezzjonijiet inkluż l-eċċezzjoni preliminari numru wieħed (1) rigward ir-rekwiżiti tal-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 u dik preliminari numru tnejn (2) rigward l-improponibbilita' tar-riżerva tar-rikorrenti għal kjamat fil-kawża tal-Onor. Prim Ministru.

Il-Qorti ser tibda sabiex tiddisponi minn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

L-eċċezzjoni preliminari numru wieħed (1) rigward ir-rekwiżiti tal-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 ġiet trattata b'mod estensiv wara referenza kostituzzjonali li saret minn din il-Qorti kif diversament presjeduta b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2019. Minn din ir-referenza segwew proċeduri fil-Qorti Kostituzzjonali u proċeduri tal-Appell fil-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali fejn iż-żewġ Qrati Kostituzzjonali qablu li l-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 jista jwassal għal leżjoni tad-drittijiet ta' l-attur fir-rigward ta' l-ugwaljanza ta' l-armi u dan, skond din il-Qorti, stante il-fatt li jpoġġi mansjoni fuq l-attur li l-konvenut mhuwiex imtaqqal biha.

Il-Qorti Kostituzzjonali ta' l-ewwel istanza kompliet sabiex iddeċidiet li tħalli d-deċiżjoni aħħarija rigward ir-rekwiżiti tal-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 u l-effetti li dawn għandu jkollhom fuq din l-istanza ta' l-attur f'idejn din il-Qorti.

L-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 irid illi:

> **460**.(1) *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga*

*pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*

L-artikolu imbagħad ikompli sabiex inissel xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali liema eċċezzjonijiet ma' jsibux applikazzjoni għal każ in eżami.

Il-Qorti tosserva li l-artikolu ċitata huwa tassattiv. Madanakollu, tenut kont:

- tal-kunsiderazzjonijiet studjati li saru mil-Qrati Kostituzzjonali u li din il-Qorti tikkondividihom, u;
- tal-fatt illi l-attur ma' naqasx għal kollox fl-inkarigu mitfuħ fuqu minn dan l-artikolu stante li ppreżenta protest ġudizzjarju qabel ma' intavola din l-istanza (protest numru 28/2017 fl-ismijiet ***Mark Formosa u Michelle Xerri vs l-Avukat Generali et***).[19]

Għalkemm jaghti l-każ li fil-protest ġudizzjarju tiegħu l-attur ma' semmiex espressament kontestazzjoni li saret f'forma ta' talba f'din l-istanza sabiex huwa jiġi rintegrat fix-xogħol li kien jagħmel qabel huwa ġie sospiż (liema nuqqas, skont il-konvenuti, jwassal għal ksur tal-artikolu suċċitata); din il-Qorti ma' tħossx illi bil-kliem *protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar* dan l-artikolu tal-liġi nostrana qed jippretendi xi kelmiet tant speċifiċi. Tħoss izda li semmai l-artikolu qed jippretendi notifika ċara ta' pretensjoni li, fil-kaz tal-protest 28/2017, tirriżulta.

Din il-Qorti ċertament ma tħossx li huwa l-ispirtu ta' xi liġi li ċċaħħad attur milli jippersisti bi pretensjoni legali tiegħu abbażi ta' hekk imsejjah "nuqqas" irriżorju partikolarment meta ma' taqbilx li mill-att ġudizzjarju

[19] Protest intavolat fil-21 ta' Awwissu, 2017 u notifikat (lid-diversi partijiet) bejn id-29 u l-31 ta' Awwissu, 2017- a fol 21 sa 24. Il-kawza giet istitwita fl-24 ta' Jannar, 2018.

rikonoxxut mil-kontroparti ma' titnissilx it-tali pretensjoni. Dan jingħad partikolarment stante li l-Qrati Kostituzzjonali saħansitra sabu li ċ-ċitat artikolu jista jkun li huwa leżiv tad-drittijiet Kostituzzjonali ta' l-attur kif ukoll tad-drittijiet tiegħu naxxenti mil-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Għaldaqstant, din il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni tal-konvenuti.

L-eċċezzjoni preliminari numru tnejn (2) rigward l-improponibbilita' tar-riserva tar-rikorrenti għal kjamat fil-kawża tal-Onor. Prim Ministru m'għadx tirrekjedi l-iskrutinju tal-Qorti stante li l-attur ma' segwiex l-istess b'sejħa kif imsemmi u għalhekk, din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni preliminari.

Rigward l-eċċezzjoni preliminari numru ħamsa (5) tal-konvenuti jingħad li huwa minnu li l-Artikoli 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirreferi għall-mansjonijiet tal-Prim Ministru (li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) u d-delega tal-istess f'każ fejn ikun hemm lok li jsiru ħatriet għall-karigi uffiċjal, tneħħija mill-istess, u eżerċizzju ta' kontroll dixxiplinarji fuq persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'karigi partikolari.

Huwa minnu wkoll li l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta irid illi l-Qorti m'għandha teżamina ebda kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont il-Kostituzzjoni; jekk xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra tkunx qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, uffiċjal pubbliku jew awtorità bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew jekk xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra tkunx qdiet validament xi funzjoni oħra dwar ix-xogħol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni delegata lilhom bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

Pero` ir-rwol tal-Qorti meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ u dan joħroġ minn natura stess ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12. A skans ta' repetizzjoni hu mħolli għal dik l-awtorita` li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. Meta l-Qorti tħassar deċiżjoni l-istess Qorti terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita` għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-kaz. Jista' jagħti l-każ li l-Qorti tindika lill-awtorita` pubblika li l-parametri u l-konsiderazzjonijiet għandhom ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-għemil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ. Dawn il-konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll b'mod iżjed partikolari f'dan il-każ fejn l-istħarriġ qiegħed jintalab li jsir fir-rigward tal-Kummissjoni li, kif inhu stabilit fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, mhijiex suġġetta għall-eżami minn ebda Qorti fuq kwestjoni dwar jekk qdietx validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond l-istess Kostituzzjoni. *"Xieraq jingħad, iżda, li l-istess Kummissjoni mhijiex għal kollox meħlusa mill-istħarriġ ġudizzjarju f'ċerti każijiet, kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu fi ksur ta' xi jedd fundamentali tal-bniedem3, u kif ukoll "fuq livell amministrattiv" ta' stħarriġ ġudizzjarju fiċ-ċirkostanzi maħsuba fl-Artikolu 469A(1)(b)31;"*[20] Ghalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad ukoll din l-eċċezzjoni.

Dawn il-fatturi ser jiġi riflessi fil-kap ta' l-ispejjeż.

Il-Qorti ser tgħaddi għalhekk sabiex tikkunsidra t-talbiet ta' l-attur magħmulha abbażi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif diġa ngħad, minn qari tal-premessi tar-Rikors Ġuramentat ta' l-attur, jirriżulta li s-subinċiżi tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 li fuqhom qiegħed isejjes din il-kawża l-attur huma s-subinċiżi (1)(b) (ii), (iii) u (iv). Fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu l-attur jinkludi wkoll referenza għas-subinċiż

[20] Tabib Dottor Jeffrey Dalli vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et, Prim Awla, deciza 13 ta Mejju, 2021.

(1)(a) tal-Artikolu 469A. Dan is-subinċiż ma' kienx imqajjem minnu fl-istadju tar-Rikors Ġuramentat tiegħu. Infatti l-kwistjonijiet Kostituzzjonali tqajmu biss bħala eċċezzjonijiet mil-konvenuti. Madanakollu, din il-Qorti kkunsidrat dan l-istess punt *supra*. Kull m'hi ser iżżid f'dan l-istadju huwa li r-referenza għar-regolament fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur, preċiżament fil-paġna a fol 184 tal-proċess hija nkorretta u għandha taqra Regolament 13(4) mhux Regolament 12(5). Ir-Regolamenti nfishom għandhom jaqraw L.S. Kost. 03 mhux L.S. Kost. 06 li filfatt huwa r-referenza għar-Regolamenti dwar l-Elezzjoni ta' Membri tal-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati.

Intant rigward l-applikazzjoni ta l-Atikolu 469A tal-Kap 12 jingħad illi fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-12 ta' Diċembru, 2011 fl-ismijiet ***Said International Limited vs Bank Centrali ta' Malta*** ingħad hekk dwar l-azzjoni taħt dan:

> *Dwar din l-azzjoni, din il-Qorti (diversament presjeduta)* ***[PA/JRM]*** *qalet hekk fis-sentenza taghha tal-1 ta` Marzu 2004 fil-kawza "****Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta****" li kienet konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu 2007 –*
>
> *Illi llum huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija mahsuba biex taghti* ***rimedju*** *lill-individwu* ***dwar l-imgieba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tieghu****.* ***Is-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lill-Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta' dak l-ghemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett****. Dan tista' taghmlu meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-ahhar ipotezi, dan l-eccess ta' setgha jista' jirrizulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita', ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghemil, tkun naqset li thares il-principji ta` gustizzja naturali jew htiega procedurali li ta bilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' dik l-awtorita' billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew*

> *meta dak l-ghemil imur b'kull mod iehor li jkun kontra l-ligi. Bil-kelma "ghemil", il-ligi tifhem ukoll cahda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika* [emfazi mizjuda].

**Is-subinċiż (ii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A:**

Skond dan is-subinċiż, l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil.

Hekk kif intqal fid-deċiżjoni precitata ***Said International Limited vs Bank Centrali ta' Malta***:

> *Fid-dritt amministrattiv ta` pajjizna, li huwa fondat fuq il-ligi Ingliza (ara "**Cassar Desain vs Forbes noe**" - Qorti ta' l-Appell - 7 ta' Jannar 1935 u "**Lowell et vs Caruana et**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awwissu 1972) kemm il-principju tal-judicial review kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel mal-Parlament Malti ghamel ligijiet ad hoc sabiex jirregola l-materja. Dan sehh ghaliex il-Qrati Maltin kienu affermaw illi fejn tkun tirrizulta lacuna fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergha tad-Dritt Pubbliku) ghandha tapplika l-Ligi Ingliza. Huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta` entita' amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna. Il-principju audi alteram partem jirrikjedi li qabel ma tittiehed decizjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, **dan ta' l-ahhar mhux biss ghandu jigi mgharraf, izda ghandu jinghata l-opportunita' li jghid tieghu, fuq kollox jinghata widen tassew ghal dak li ghandu xi jghid, u fl-istess waqt jinghata l-opportunita` li jiddefendi l-kaz kif inhu xieraq*** [emfazi mizjuda].

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-21 ta' Mejju, 2009 fl-ismijiet ***Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku*** ingħad hekk dwar il-prinċipji tal-ġustizzja naturali:

*Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom." (ara wkoll – "**Debono vs Phoenicia Systems Ltd**" – Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004).*

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar l-14 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet ***A & J Ta` Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali kien ippreċiżat li:

*Ovvjament, il-principju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', izda li tinghata l-opportunita' tressaq il-kaz taghha.*

Apparti l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, id-disposizzjoni titkellem ukoll dwar ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-egħmil amministrattiv.

Fid-deċiżjoni tal-1985 tal-*House of Lords* fil-kawża ***Council of Civil Service Unions and Others v. Minister for the Civil Service,*** ingħad hekk minn Lord Diplock –

*"I have described the third head as 'procedural impropriety' rather than failure to observe basic rules of natural justice or failure to act with procedural fairness towards the person who will be affected by the decision. This is because susceptibility to judicial review under this head covers also failure by an administrative tribunal to observe procedural rules that are expressly laid down in the legislative instrument by which its jurisdiction is conferred, even where such failure does not involve any denial of natural justice."*

L-attur ma' ressaqx ilmenti speċifiċi taħt dan is-subinċiż tal-Artikolu 469A. Infatti, tul il-proċeduri quddiem din il-Qorti huwa għamel biss aċċenn għal-provizzjonijiet ta' dan is-subinċiż fil-premessa numru 5 tar-Rikors Ġuramentat tiegħu.

Dan magħdud, fuq il-ħtiġijiet proċedurali, il-Qorti tqis li l-bażi li fuqha ttieħdet id-deċiżjoni tal-konvenuti għas-sospensjoni ta' l-attur mill-kariga li kien jokkupa, kienet ir-Regolament 13(4) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 03,[21] li jrid illi:

> **13.** *(4) Meta l-Kap ta' Dipartiment ikun irrakkomanda lill-Kummissjoni li l-uffiċjal* ***għandu*** *jiġi sospiż għal* ***raġunijiet ta' prekawzjoni****, huwa jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu sakemm tasal id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni* [emfazi mizjuda].[22]

Dan jorbot ukoll ukoll mas-subinċiżi wieħed (1) ta' l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jrid illi:

> **110.** *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinarji fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku […]*

Tenut kont tal-fatt illi s-sospensjoni ta' l-attur mil-kariga tiegħu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ġiet effetwata permezz tal-ittra datata 27 ta' Lulju 2017 mibgħuta ai termini tas-suċċitat Regolament 13 (4) mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex wara li din is-sospensjoni ġiet ikkonfermata mill-Onor. Prim' Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din il-Qorti tqies li fit-teħid tad-deċiżjoni għas-sospensjoni ta' l-attur mil-kariga tiegħu, l-konvenuti ma' aġixxewx bi ksur tas-subinċiż (ii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A fejn jidħlu ħtiġijiet proċedurali anzi; il-konvenuti aġixxew fil-parametri tal-liġi rilevanti li ttihom id-dritt li jagħtu sospensjoni anke bi prekawzjoni.

---

[21] Avviż Legali 66 tal-2017, kif emendat.

[22] Ma dan ir-Regolament isegwi dak numru 12(1)(c) fit-Taqsima III ta' l-istess Avviż Legali 66 tal-2017, kif emendat li jrid li eta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal pubblikuli jkun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu r jinġieb quddiem il-qorti jew qed jiġiinvestigat jew ġie arrestat mill-pulizija b'konnessjoni ma' reatkriminali, uwa għandu jagħmelrakkomandazzjoni lill-Kummissjoni għas-sospensjoniprekawzjonarja tal-uffiċjal.

Oltre minn hekk, sabiex għamlu dan, huma segwew ukoll il-proċedura li għandha tiġi segwita skond is-setgħa mogħtija lilhom nkluż ai termini tar-Regolament 13(4) u tas-subinċiżi wieħed (1) ta' l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta suċċitati.

Fir-rigward tal-parti tas-subinċiż (ii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A li tikkonċerna l-prinċipji ta' ġustizzja naturali; kif xehed l-attur inniffsu, huwa ġie msejjah fl-uffiċċju tiegħu fi ħdan il-Ministeru dakinhar stess li seħħet it-tfiċċija mill-membri tal-Korp tal-Pulizija fejn huwa attenda wkoll waqt it-tfiċċija tant li jixhed:

> *Ircevejt telefonata minghand il-Perm Sec, kont leave dakinhar, u mort l-ufficcju u nsib zewg spetturi u l-Perm Sec, u qaluli "isma", qaluli, "ha nigu nfittxulek gol-ufficcju u d-dar". Barra jien kien hemm is-segretarja tieghi u l -Perit, wiehed mil-Periti fid-dipartiment tieghi. Marru fl-ufficcju jfittxuli, imbaghad ghalqu l-ufficcju, marru d-dar, fittxewli jigifieri d-dar, hadu laptops […]*[23]

Wara dan, seħħet is-sospensjoni ta' l-attur li, apparti li ma' jirriżultax li damet fis-seħħ għal xi tul ta' żmien,[24] stante li jixhed l-attur inniffsu li huwa kompla t-terminu rimanenti tal-kuntratt tiegħu iżda fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ta' Għawdex minflok fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, jirriżulta li din seħħet fil-*vires* tal-konvenuti skond dan is-subinċiż (ii) tal-inċiż 1(b) tal-Artikolu 469A. Din il-Qorti għarblet fit-tul il-fatti li wasslu għas-sospensjoni ta' l-attur. Fil-kwadru tal-fatti kif seħħew u kienu qed jevolvi meta l-attur ġie sospiż kien hemm il-ħtieġa li tiġi ppreservata l-evidenza kollha u dan fid-dawl ta' l-allegazzjoni ta' korruzzjoni u l-iżviluppi kollha legali li seħħew inkluż il-bidu ta' inkjesta maġisterjali. Kienu altru important li min imexxi jara li kull xrara ta' evidenza ma tiġix meqruda jew kalpestata. Id-deċiżjoni ta' sospensjoni dak inhar kienet deċiżjoni li kellha tittieħed mingħajr dewmien.

Tenut kont ta' dan rigward il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, il-Qorti tqies ukoll li f'kull każ ta' tfitxija mill-Pulizija, li, min-natura tagħhom ma'

---

[23] A fol 152.

[24] Jidher li mid-19 ta' Jannar, 2018 l-attur kien diga nghata l-impjieg fid-Dipartiment ta' l-Edukazjzoni u dan wara li s-sopensjoni fil-konfront tieghu tnehhiet formlament nhar is-17 ta' jannar, 2018. Ref. eccez. Prel. Nru 3 a fol 14 u eccezz. Fil-mertu nru. 4 a fol 15.

jippermettux telf ta' żmien f'tul ta' proċeduri, ebda persuna li t-tfitxija tkun qed ssir fil-proprjeta' tagħha ma' tingħata xi dritt oltre dak mogħti lill-attur partikolarment meta jitqies l-insenjament li l-prinċipju *audi alteram partem* ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', iżda li tingħata l-opportunita' tressaq il-każ tagħha, inkluż, bħal f'dan il-każ, wara tfitxija mill-Pulizija.

Il-Qorti żżid li bl-applikazzjoni tar-Regolament 12(1)(c) fit-Taqsima III ta' l-Avviż Legali 66 tal-2017, il-konvenuti kellhom jattjenu ma' ċerti rekwiżiti sabiex jagħmlu rakkomandazzjoni għal-sospensjoni fit-termini mposti mil-liġi. Madanakollu, provi rigward dan ma tressqux quddiem din il-Qorti. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu l-attur jiċċita minn xhieda mogħtija fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li, pero, ma' saret ebda talba lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra bħali prova f'din l-istanza. Għalhekk, din il-Qorti hija kompletament sprovvista minn kwalunkwe' prova li tixħet dawl fuq xi nuqqas tal-konvenuti.

Għalhekk, din il-Qorti ma' ssibx li l-ħtiġijiet proċedurali jew il-prinċipji tal-ġustizzja naturali nkluż dak tal-*audi alteram partem* ġew mittiefsa bi preġudizzju ta' l-attur u bi ksur ta' dan is-subinċiż (ii) tal-inċiż 1(b) tal-Artikolu 469A.

**Is-subinċiż (iii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A:**

Skond dan is-subinċiż, l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* meta dan jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Fis-sentenza preċitata ingħad ukoll:

> *Fil-kuntest ta` din id-disposizzjoni, jidhol l-element ta` dak li huwa "ragonevoli" (reasonableness) u li ghandu jkun segwit mill-awtorita' pubblika meta tiddeciedi jew tezercita d-diskrezzjoni taghha.*

L-awtur **Wade** ("**Administrative Law**") jikkumenta hekk:

> *A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably.*

Hawnhekk tqum il-kwistjoni dwar *the legal standard of reasonableness* li huwa meħtieġ sabiex jiġi sodisfatt dak ir-rekwiżit għax, kif jikkumenta l-istess awtur, *virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*

Ġie konsistentement ritenut illi sabiex deċiżjoni titqies raġjonevoli jeħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi (***Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et*** – Appell – 27 ta' Marzu 2009 u ***Dalli vs Sollars et*** – PA/RCP – 20 ta' Ottubru 2009).

Lord Greene MR fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation*** [1948] 1 KB 223 jgħid hekk:

> *It is true that the discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology commonly used in relation to exercise of statutory discretion often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably.' Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the power of the authority. Warrington LJ in Short v Poole Corporation [1926] Ch 66 at 90, 91 gave the example of the red-haired teacher dismissed because she had red*

*hair. That is unreasonable in one sense. In another sense it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it may be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.*

Dwar *irrelevant considerations* Lord Esher MR fil-kawza **R. *vs St. Pancras Vestry*** (1890) qal hekk:

*They must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion.*

Jiġi ritenut li x-xogħol tal-Qorti mhuwiex li sservi ta' appell jew ta' reviżjoni ta' deċiżjoni amministrattiva iżda li tqis biss jekk it-tali deċiżjoni taqax fil-parametri tal-liġi inkluż, fl-isfond tas-subinċiż (iii) tal-inżiż (1)(b) tal-Artikolu 469A, billi ma' tkunx deċiżjoni li tikkostitwixxi abbuż ta' setgħa liema abbuż jirriżulta meta u jekk id-deċiżjoni tkun issejjset fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-11 ta' Mejju, 2010 fl-ismijiet ***Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et***, Il-Qorti tal-Appell esprimiet il-ħsieb tagħha bl-aktar mod ċar:

*F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti.*

Din il-Qorti għalhekk ma' tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-konvenuti ma' dik tagħha iżda trid tqis jekk fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ id-deċiżjoni li ngħatat kienitx raġjonevoli u jekk, fl-għoti tagħha, ġewx ikkunsidrati kriterji oġġettivi u rilevanti.

Din il-Qorti hija konvinta li f'dan il-każ, id-deċiżjoni meħuda mill-konvenuti u kkomunikata lill-attur ġiet meħuda b'mod diliġenti u ragjonevoli abbażi ta' kriterji oġġettivi u rilevanti. Dan, inkluż b'ottemperanza tal-konvenuti mar-regolamenti tad-dixxiplina suċċitati u sabiex il-konvenuti wrew standard tajjeb u ta' fiduċja fis-settur tas-servizz pubbliku mingħajr ma' ntralċaw l-investigazzjonijiet li kienu għaddejjin mill-Pulizija.

Il-Qorti hija għalhekk konvinta li l-konvenuti mxew b'mod ekwu u diliġenti u kkunsidraw l-obbligi tagħhom b'mod ġust u għalhekk, ma' jirriżultax abbuż tas-setgħa tagħhom bi ksur tas-subinċiż (iii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A.

**Is-subinċiż (iv) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A:**

Skond dan is-subinċiż, l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* meta jkun imur mod ieħor kontra l-liġi.

Din l-allegazzjoni ta' l-attur mhix fondata għaliex hekk kif ġie konkluż minn din il-Qorti fil-paragrafi preċedenti, jirriżulta li l-konvenuti bbażaw d-deċiżjoni tagħhom fil-parametri tal-liġijiet rilevanti.

**It-tielet talba ta' l-attur.**

Rigward it-tielet talba ta' l-attur, ossia li jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni ikkontestata minnu ċioe li jerġa jokkupa l-posizzjoni ta' direttur fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tispeċifika li ġjaladarba d-deċiżjoni meħudha mill-konvenuti ma' nstabitx li ttieħdet bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 mela allura l-Qorti anqas tista tgħaddi sabiex tilqa' it-talba konsegwenzjali ta' l-attur sabiex jiġi rintegrat kif mitlub minnu.

Barra minn hekk, il-Qorti tqis ukoll li t-talba għal rintegrazzjoni ma' tistax isseħħ u dan billi l-kuntratt li l-attur kellu ta' direttur llum skada

stante l-iskadenza tat-terminu tiegħu. Issa huwa minnu li l-attur reġa' applika għall-istess posizzjoni ta' direttur wara u attenda għal intervista ġie nfurmat illi r-riżultat inżamm sospiż madankollu s-sospensjoni hija viġġenti anke versu l-applikanti l-oħra li applikaw għal istess posizzjoni. Tqis ukoll li meta riżultat jkun sospiż, dan lanqas jkun ġie mgħarraf lill-applikanti u lanqas jkun ġie ppublikat u għalhekk illum, bl-istat ta' fatt kif inhu preżenti lanqas il-Qorti ma għandha l-għarfien ta' min ġie effettivament magħżul sabiex jokkupa il-posizzjoni ta' direttur u għalhekk żgur li t-talba ta' l-attur ma tistax tintlaqa.

Il-Qorti tosserva li l-attur matul il-proċess kollu ta' din il-kawża saħaq kemm il-darba li s-sospensjoni tiegħu ttieħdet wara email li ntbgħatet lilu minn terz li allega korruzzjoni fil-konfront ta' l-attur u l-uffiċċju tiegħu u, riżultat ta' din l-allegazzjoni huwa ġie skartat milli jingħata posizzjoni ta' direttur mal-Gvern.

Għalkemm bil-kawża odjerna l-attur qed jattakka id-deċiżjoni ta' sospensjoni fil-konfront tiegħu pero' ai fini ta' kjarezza billi l-attur fix-xhieda tiegħu jimplika li l-fatt li d-direttorat li kien imexxi fil-Ministeru għal Għawdex ġie abolit u li r-riżultat tas-sejħa għal kariga ta' direttur għadu sospiż huma kollha riżultat tas-sospensjoni tiegħu, din il-Qorti tqis opportun tiċċara li għalkemm huwa minnu li l-allegazzjoni ta' korruzzjoni skattat ftuħ ta' inkjesta u investigazzjoni tal-pulizija, mill-atti sewwasew mix-xhieda tas-Segretarju Permanenti jirriżulta li l-pressjoni sabiex id-direttorat immexxi mill-attur jinqasam f'direttorati iċken kienet ilha ssir, u dan ferm qabel faqqgħet l-allegazzjoni msemmija. Il-Qorti hija konvinta li ċ-ċaqlieq amministrattiv fi tqassim ta' rizorsi u responsabilitajiet u l-ħolqien ta' direttorati iżgħar ma kienx riżulatat ta' l-allegazzjoni jew xi kruċjata kontra l-attur riżultat tas-sospensjoni tiegħu. Huwa minnu li seħħew presso poco fl-istess żmien pero din il-Qorti hija tal-fehema illi ma kien hemm l-ebda aġenda kontra l-attur meta dan seħħ.

In oltre jirriżulta li filwaqt li l-email imsemmija mill-attur bħala r-raġuni għas-sospensjoni tiegħu ġġib id-data ta' l-24 ta' Marzu, 2017, is-sospensjoni tiegħu seħħet fis-27 ta' Lulju, 2017 mentri l-kuntratt tiegħu

skada fl-2018 u, fuq ammissjoni tiegħu, huwa kompla jaħdem it-terminu kontrattwali bħala direttur fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Id-deċiżjoni li ħadet l-amminisatrazzjoni fejn l-attur ingħata responsabiltajiet ta' direttur f'dipartiment differenti minn dak fejn kien qed jaħdem u fejn kien il-mira ta' allegazzjoni ta' korruzzjoni ma kienet xejn għajr deċiżjoni għaqlija.

Kif diġa ngħad f'azzjoni ta' reviżjoni ta' deċiżjoni amministrattiva bħal ma hi din tal-lum il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-konvenuti b'tagħha. Din il-Qorti hija biss inkarigata teżamina jekk fuq l-iskorta tal-prova miġjuba quddiemha jirriżultax li fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom il-konvenuti naqsu minn dak rikjest minnhom mill-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Mill-provi miġjuba quddiem din il-Qorti, dan ma' jirriżultax.

Rigward l-eċċezzjoni preliminari numru tlieta u l-eċċezzjoni fil-mertu numru erbgħa tal-konvenuti ċioe li l-mertu huwa eżawrit stante li s-sospensjoni mertu ta' din l-istanza ġiet fil-fatt imneħħija, l-Qorti tqis li l-fatt li sospensjoni tiġi mneħħija ma' jfissirx li wieħed ma' jkunx jista' jġib quddiem il-Qorti pretensjoni rigward il-manjieri kif din kienet ittieħdet. Infatti, il-kunsiderazzjonijiet kollha li jwasslu għal din id-deċiżjoni jduru ma' dak il-punt. Pero kif ġia ngħad id-deċiżjoni attakata mill-attur ma' kienitx ittieħdet bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 li fuqu hija msejjsa din l-istanza.

Similarment, rigward l-eċċezzjoni preliminari numru erbgħa u dik fil-mertu numru sebgħa tal-konvenuti; l-attur fl-ebda punt tat-talbiet tiegħu ma' indika pretensjoni kontra t-trasferiment tiegħu mill-Ministeru għal Għawdex għad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Il-pern ta' dawn il-proċeduri jdur mad-deċiżjoni meħuda permezz ta' l-ittra tas-27 ta' Lulju, 2017, mibgħuta lill-attur mill-konvenut Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex kif ikkonfermata mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-konvenuta Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, *sic et sempliciter*.

Jingħad ulterjorment li rigward l-eċċezzjoni fil-mertu numru tmienja tal-konvenuti, din ma' ġietx segwita' bi provi rigward in-natura ta' l-azzjoni miġjuba quddiem il-Qorti Kostituzzjonali bin-numru 85/2017 JPG. Għalhekk, din il-Qorti mhijiex fil-posizzjoni li tiddeċiedi jekk l-ilment deċiż hawnhekk minnha kienx diġa mqajjem fil-proċeduri msemmija. Kwistjoni li semmai kienet għall-konvenuti li jieħdu ħsieb imexxu dwarha b'talbiet opportuni inkluż għas-sospensjoni.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel (1), it-tieni (2), u l-ħames (5) eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, tiddisponi mill-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deċiż filwaqt li tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż a karigu ta' l-attur salv għal dawk relattivi għall-eċċezzjonijiet preliminari numru wieħed, tlieta u erbgħa, u għal dawk fil-mertu numru sebgħa (7) u tmienja (8) li jibqgħu a karigu tal-konvenuti u dan stante dak hawn ikkunsidrat u deċiż.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur